MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 53/2006/2

**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Limited (C5376)**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mis-soċjetà *HSBC Bank Malta p.l.c.* ["*HSBC*"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-27 ta' Frar 2009, wara li titħassar dik is-sentenza għax tgħid illi applikat il-liġi ħażin, ingħatat fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba, u fiha dispożizzjonijiet kontra xulxin (art. 811 para. (*e*), (*f*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Saret talba oħra għat-tħassir tas-sentenza mis-soċjetà *Carmelo Gauci Limited* li iżda ċediet din it-talba b'nota tal-20 ta' Jannar 2011.

3. Il-fatti relevanti seħħew hekk: fuq talba ta' *HSBC* bħala kreditriċi kienet inbigħet *sub hasta* proprjetà immobbli tas-soċjetà *Carmelo Gauci Limited* ["id-Debitriċi"]. Il-proprjetà ġiet liberata favur *HSBC* illi talbet l-approvazzjoni ta' tpaċija tal-prezz ma' parti minn dak li kellha tieħu mingħand id-Debitriċi. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["il-Kummissarju"], kreditur ieħor tad-Debitriċi, oppona għat-talba u għalhekk fuq talba ta' *HSBC* infetaħ konkors ta' kredituri (għalkemm il-kredituri kienu biss tnejn).

4. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar l-eżistenza u l-*quantum* tal-krediti iżda biss dwar il-gradwazzjoni tagħhom. *HSBC* tippretendi illi l-kreditu tagħha jiggradwa qabel bis-saħħa ta' ipoteki speċjali fuq l-immobbli tad-Debitriċi li nbigħ, waqt illi l-Kummissarju jippretendi illi l-kreditu tiegħu (safejn dan il-kreditu huwa għal taxxa mhux imħallsa, u mhux ukoll għal penali) jiggradwa qabel bis-saħħa tal-art. 62 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"], li jgħid hekk:

**62.** Il-Kummissarju jkollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(*a*) jew (*b*) tal-Kodiċi Ċivili.

5. *HSBC* tgħid illi dan il-privileġġ ma jiswiex quddiemha għax ma ġiex reġistrat kif irid l-art. 2029 tal-Kodiċi Ċivili:

**2029.** Il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli … … … m'għandhomx effett jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku fiż-żmien ta' xahrejn.

6. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2008 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet illi l-kreditu ta' *HSBC* jiggradwa qabel dak tal-Kummissarju għax kienet tal-fehma illi l-art. 2029 tal-Kodiċi Ċivili jgħodd għall-każ u għalhekk il-privileġġ tal-Kummissarju taħt l-art. 62 tal-Kap. 406 ma għandux effett.

7. Il-Kummissarju appella minn din is-sentenza, u din il-qorti, b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2009, ħassret

is-sentenza tal-ewwel qorti u iddeċidiet illi l-gradwazzjoni tkun hekk: fl-ewwel grad il-kreditu tal-Kummissarju safejn dak il-kreditu huwa għal taxxa u l-imgħax relativ; fit-tieni grad il-kreditu ta’ *HSBC*; u fit-tielet grad il-bqija tal-kreditu tal-Kummissarju.

8. Il-konsidrazzjonijiet li wasslu lill-qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

«L-artikolu 62 tal-Kap. 406 … … … jinqasam f’żewġ partijiet, u din il-qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel qorti interpretat it-tieni parti ta’ dan l-artikolu. L-ewwel qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal *a fol.* 526:

«“Barra minn hekk, l-artikolu 62 jista’ jingħad li jinqasam f’żewġ aspetti: fl-ewwel parti jiġi stabbilit il-privileġġ speċjali filwaqt li fit-tieni parti jiġi stabbilit <u>illi dan il-privileġġ speċjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi liġi oħra fuq dejn privileġġjat ieħor. Jidher għalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-artikolu 62, li biha kwalunkwe liġi oħra għandha tiġi sottratta għall-gradwazzjoni kontemplata fl-art. 62, hija limitata għall-kwistjoni ta’ gradwazzjoni <u>diment li jiġi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privileġġ speċjali</u>.” (sottolinear ta’ din il-qorti)

«Din il-qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-liġi ma tgħidx li l-privileġġ speċjali jiggradwa bi preferenza, iżda li “<u>t-taxxa msemmija għandha titħallas</u>” bi preferenza, u lanqas ma tassoġġetta l-preferenza tal-ħlas għad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privileġġ speċjali. Kif intqal mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża <u>Zammit *v.* Caruana *noe*</u>, deċiża fit-8 ta’ Jannar, 1958, il-kreditu u l-privileġġ huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa ħaġa, u l-privileġġ huwa ħaġ’oħra. Għalkemm il-privileġġ ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista’ jissussisti indipendentement mill-privileġġ. F’dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-*V.A.T.* li jirreġistra l-privileġġ ma jestingwix il-kreditu, u skond l-artikolu 62, dan il-kreditu għandu jitħallas “bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor”.

«Bil-privileġġ speċjali, debitament reġistrat, il-Kummissarju tal-*V.A.T.* ikun jista’ jinforza l-kreditu tiegħu fuq dik il-proprjetà immobbli partikolari, f’idejn min tkun. Jekk ma jirreġistrax ipoteka speċjali, allura jrid jissodisfa ruħu mill-assi li jkollu d-debitur, b’dan, però, li anke jekk

dawk l-assi jkunu milquta b'xi privileġġ, il-Kummissarju jitħallas l-ewwel (ħlief kif jiddisponi l-istess artikolu 62).
«Il-frażi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi għall-"privileġġ speċjali" msemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-ħlas tat-taxxa li, f'kull każ mill-assi tad-debitur, għandha ssir bi preferenza fuq kull dejn ieħor, hemm x'hemm f'liġijiet oħra.
«Għalhekk, f'dan il-każ, la darba l-flus … … … huma r-rikavat mill-bejgħ tal-assi tal-kumpannija debitriċi, <u>it-taxxa dovuta għandha titħallas bi preferenza u qabel kull dejn ieħor bħal dak tal-bank konkorrent</u>.
«Irid jiżdied li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju tal-*V.A.T.* hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq ħlasijiet oħra li jistgħu jkunu dovuti. … … …»

9. *HSBC* qiegħda issa titlob illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza tas-27 ta' Frar 2009, għax tgħid illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażin, ingħatat fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba, u fiha dispożizzjonijiet kontra xulxin, skond l-art. 811 para. (*e*), (*f*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Dwar applikazzjoni tal-liġi ħażina – art. 811 (*e*)**

10. *HSBC* tgħid illi kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għax il-qorti ma kienx imissha tapplika l-art. 62 tal-Kap. 406, bid-dritt ta' preferenza li jagħti dak l-artikolu, ladarba l-Kummissarju ma kellux privileġġ fuq l-immobbli għax il-privileġġ ma kienx reġistrat, u kien imissha, minflok, applikat l-artt. 1996 (dwar liema huma l-kawżi ta' preferenza), 2029 (dwar il-ħtieġa tar-reġistrazzjoni ta' privileġġi speċjali fuq immobbli) u 2032 (dwar liema huma l-privileġġi speċjali li ma jeħtiġux reġistrazzjoni) tal-Kodiċi Ċivili.

11. Tħassir ta' sentenza għal din ir-raġuni jingħata biss meta l-qorti tapplika liġi ħażina flok dik illi kienet tassew applikabbli għall-każ. Ma jingħatax meta l-kwistjoni tkun "dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni".

12. Fil-każ tallum is-sentenza attakkata għamlet interpretazzjoni tal-art. 62 tal-Kap. 406 fis-sens illi dak l-artikolu joħloq dritt ta' preferenza favur il-kreditu tal-Kummissarju għall-ħlas tat-taxxa indipendentement mill-

eżistenza ta' privileġġ; qalet, tajjeb jew ħażin, illi f'dan il-każ il-preferenza mhix ġejja mill-privileġġ, u l-privileġġ jingħata biss biex, jekk ikun reġistrat, il-Kummissarju jkun jista' jitħallas mill-proprjeta immobbli ukoll jekk din tkun inbigħet lil terzi. Jekk il-privileġġ ma jiġix reġistrat, il-Kummissarju ma jkollux dan id-*droit de suite* iżda xorta jkollu dritt ta' preferenza li ma hux ġej mill-privileġġ iżda direttament mid-dispożizzjoni tal-liġi.

13. Tajba jew ħażina, din hija "interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti … … … espressament tat deċiżjoni" u għalhekk ma tistax tkun raġuni għat-tħassir tas-sentenza.

**Dwar jekk is-sentenza ngħatatx fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba – art. 811(*f*)**

14. It-tieni raġuni mressqa minn *HSBC* hija illi s-sentenza ngħatat fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba. Qiegħda tgħid illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet dwar jekk il-Kummissarju kellux privileġġ speċjali ladarba ma irreġistrahx, u l-Kummissarju qatt ma ippretenda illi kellu xi kawża oħra ta' preferenza. Meta s-sentenza attakkata qalet illi l-Kummissarju, għalkemm ma kellux privileġġ speċjali, xorta kellu kawża ta' preferenza, iddeċidiet fuq ħaġa li ma kinitx imdaħħla fit-talba.

15. Is-sentenza attakkata ngħatat fi proċeduri ta' konkors ta' kredituri, fejn effettivament kull kreditur kien qiegħed jippretendi u jitlob illi jitħallas qabel kull kreditur ieħor. Meta iddeċidiet min mill-kredituri li kienu qegħdin jikkonkorru kellu jitħallas l-ewwel, il-qorti iddeċidiet dak li kellu jiġi deċiż fi proċeduri ta' konkors u ma iddeċidiet xejn iżjed.

16. Ma jistax għalhekk jingħad illi s-sentenza ngħatat fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba, u s-sentenza ma għandhiex titħassar għal din ir-raġuni.

**Dwar jekk is-sentenza fihiex dispożizzjonijiet kontra xulxin – art. 811(*i*)**

17. Fl-aħħarnett *HSBC* qiegħda tgħid illi s-sentenza fiha dispożizzjonijiet kontra xulxin. Sabet kontradizzjoni fejn il-qorti l-ewwel qalet illi l-Kodiċi Ċivili, "sakemm mhux eskluż, japplika b'mod ġenerali", u mbagħad ħolqot dritt ta' preferenza li ma huwiex wieħed minn dawk li jissemmew fil-Kodiċi Ċivili.

18. Dan l-argument huwa x'aktarx fieragħ. Qabel xejn, dawk li ssemmi *HSBC* huma konsiderazzjonijiet u mhux

dispożizzjonjiet, u għalhekk ma jistgħux iwasslu għat-tħassir tas-sentenza. Barra minn hekk, il-qorti straħet fuq il-kliem "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra" fl-art. 62 tal-Kap. 406 biex tfisser ir-raġuni għala, minkejja dak li jgħid il-Kodiċi Ċivili, it-taxxa għandha titħallas qabel kull kreditu ieħor, ukoll jekk privileġġjat. Ma hemm ebda kontradizzjoni f'hekk.

19. *HSBC* tara wkoll kontradizzjoni fil-fatt illi s-sentenza, wara li tgħid illi l-Kummissarju ma setax jinqeda bil-privileġġ għax ma kienx reġistrat, kompliet biex qalet illi l-kreditu tal-Kummissarju, safejn kien għall-ħlas tat-taxxa, kellu jitħallas qabel.

20. Ma hemm ebda kontradizzjoni. Li tgħid is-sentenza hu illi l-Kummissarju ma jistax jitħallas minn beni li ħarġu mill-patrimonju tad-Debitriċi għax, ladarba l-privileġġ ma huwiex reġistrat, ma jgawdix minn *droit de suite*, iżda mill-prezz rikavat mill-beni li kienu għadhom fil-patrimonju tad-Debitriċi – bħal ma kienet il-proprjetà immobbli *de qua* – għandu jitħallas qabel ħaddieħor. Ma hemmx kontradizzjoni għax is-sentenza tgħid illi l-kawża ta' preferenza ma hijiex il-privileġġ iżda d-dispożizzjoni speċjali tal-art. 62 tal-Kap. 406 kif interpretata, tajjeb jew ħażin, fis-sentenza stess.

21. Lanqas għal din ir-raġuni, għalhekk, ma tista' titħassar is-sentenza.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba ta' *HSBC* għat-tħassir tas-sentenza u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell, u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż relativi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------